

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Ġunju 2009, Adjemian et vs Commission (F-134/07 u F-08/08) hija annullata sa fejn huwa ddikkjara li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet diretti mir-rikorrenti fil-kawża F-134/07 li l-ismijiet jidhru fl-anness tad-deċiżjoni li tiċħad it-talbiet tagħhom.*
- (2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- (3) *Ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-kawża F-134/07 li l-ismijiet jidhru fl-anness huwa miċħud, sakemm dan ir-rikors jitlob l-annullament ta' deċiżjonijiet li jiċħdu t-talbiet tagħhom.*
- (4) *Vahan Adjemian u 175 membru tal-persunal u ex membri tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess u dawk sostnuti mill-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' din il-kawża.*

(¹) ĠU C 256, 24.10.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2011 — L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-500/09) (¹)

(“FAEGG — Sezzjoni ‘Garanzija’ — Nefqa eskluża mill-finanzjament Komunitarju — Għajjnuna għall-ipproċessar taċ-ċitru — Effikaċja tal-kontrolli — Proporzjonalità”)

(2011/C 319/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: L. Ventrella u G. Palmieri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: P. Rossi, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7044 finali, tal-24 ta' Settembru 2009, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), sa fejn hija teskludi ċerta nefqa magħmula mir-Repubblika Taljana fis-settur tal-ipproċessar taċ-ċitru.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 37, 13.02.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2011 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-67/10) (¹)

(“FAEGG — Taqsima ‘Gwida’ — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Għajjnuna finanzjarja allokata għal programm operattiv intiż għat-titjib tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli — Effettività tal-kontrolli — Proporzjonalità”)

(2011/C 319/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez, abogado del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u G. von Rintelen, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9827, tal-10 ta' Diċembru 2009, dwar applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-għajjnuna tal-FAEGG, taqsima “Gwida”, allokata għall-programm operattiv CCI 2000.ES.16.1.PO.007 (Spanja — Castilla u León) skont il-miżura ta' titjib tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 100, 17.04.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 — Meica vs UASI — TofuTown.com (TOFUKING)

(Kawża T-99/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Komunitarja TOFUKING — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti King — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali preċedenti Curry King — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 319/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG (Edeweicht, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Russlies, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: TofuTown.com GmbH (Wiesbaum, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Krause u F. Cordt, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Jannar 2010 (Każ R 63/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG u TofuTown.com GmbH.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-7 ta' Jannar 2010 (Każ R 63/2009-4) hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu, kif ukoll għall-ispejjeż sostnuti minn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG
- (3) TofuTown.com GmbH għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 113, 01.05.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2011 — ara vs UASI — Allrounder (A b'żewġ sinjali trijangulari)

(Kawża T-174/10) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva A b'żewġ sinjali trijangulari — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti A — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2011/C 319/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ara AG (Langenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment M. Gail, sussegwentement M. Gail u H. Pernez, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Allrounder SARL (Sarrebou, Franza) (rappreżentant: N. Boespflug, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Jannar 2010 (Każ R 481/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ara AG u Allrounder SARL.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) ara AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 03.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 — Couture Tech vs UASI (Rappreżentazzjoni tal-emblema Sovjetika)

(Kawża T-232/10) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta l-emblema Sovjetika — Raġuni assoluta għal rifjut — Trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità — Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2011/C 319/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Couture Tech Ltd (Tortola, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) (rappreżentant: B. Whyatt, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Marzu 2010 (Każ R 1509/2008-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv li jirrapreżenta l-emblema Sovjetika bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Couture Tech Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 195, 17.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2011 — Nike International vs UASI (DYNAMIC SUPPORT)

(Kawża T-512/10) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DYNAMIC SUPPORT — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2011/C 319/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Nike International Ltd (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. de Justo Bailey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)